**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tal-lum, 19 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru.1067/2020 GM**

**Avv Dr Mark Attard Montalto K.I. 220073(M) u Avv Douglas Aquilina K.I. 162790(M) bhala mandatarji specjali ta' Justin Galea (Passaport Malti Nru 0957795) u Stephen Galea (detentur tal-Passaport Malti Nru 0957801)**

**vs**

**Salvatore sive Silvio Bugeja K.I. 320655 (M);**

**u b'digriet tas-26 ta' Frar 2021 ġew kjamati in kawża Rita D'Anastasi u Stephanie Vassallo.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur nomine l-avukat Dottor Mark Attard Montalto tat-22 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposti tal-konvenut u tal-kjamati fil-kawża t-tnejn tat-3 ta' Mejju 2022.

Ikkunsidrat:

Permezz tal-imsemmi rikors, l-Avukat Attard Montalto qiegħed jitlob jesebixxi prokuri oriġinali favurih u favur l-Avukat Douglas Aquilina li jawtorizzawhom jiftħu din il-kawża. Mar-rikors maħluf esebew kopji fotostatiċi, awtentikati minnhom stess. Permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut xeħet varji dubji fuq il-validita` tal-istess prokuri.[1] Tul il-kors tal-kawża l-Avukati tal-atturi ppruvaw jippreżentaw kopja oħra tal-prokura awtentikata minnhom stess u din ġiet sfilzata mill-Qorti.

Il-konvenut u l-kjamati fil-kawża qegħdin jopponu għall-produzzjoni ta' dawn il-prokuri. Isostnu li messhom ġew ippreżentati fil-bidu tal-kawża; li minħabba dan in-nuqqas ir-rikors ġuramentat huwa monk; li ġaladarba għamlu eċċezzjonijiet dwar l-istess prokuri, issa ma jistgħux jiġu prodotti prokuri ġodda.

Tassew li huwa deplorevoli dak li għamlu l-avukati msemmija li ma ġabux l-aħjar prova u spiċċaw ħlew il-ħin prezzjuż ta' din il-Qorti fuq dan l-inċident proċedurali – ironikament f'kawża li huma fetħu appuntu dwar validita` ta' prokura. Tabilħaqq każ fejn min jitkaża jaqa' fil-każa!

Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax taċċetta l-oġġezzjonijiet tal-konvenuti u l-kjamati fil-kawża. Mandat jista' jkun anke verbali; u m'għandhiex dubju li l-Avukati kkonċernati kienu tabilħaqq

[1] Fol 20

inkarikati mill-klijenti tagħhom biex jiftħu l-kawża. Iktar minn hekk, ġie stabbilit sa minn żmien twil ilu mill-ġurisprudenza tagħna li avukat m'għandux bżonn jipprova l-inkarigu li tah il-klijent.[2] Huwa għandu kwalita` semi-pubblika, u jiġi munit mill-Istat stess b'funzjonijiet speċjali u ta' delikatezza kbira fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u mhux preżumibbli illi huwa m'għandux ikun emmnut meta jiddikjara li kellu l-inkarigu mill-klijent u li għamel prestazzjoni determinata.[3] Anzi, l-inkarigu tiegħu huwa preżunt.

Li hemm differenti f'din il-kawża hu li ġaladarba l-avukati pproduċew il-prokuri favur tagħhom, dawn kellhom ikunu fil-forma oriġinali tagħhom, u mhux sempliċi fotokopji awtentikati mill-avukati stess. Dan in-nuqqas iżda jista' jiġi msewwi u m'hemmx lok għas-sanzjoni estrema tan-nullita`. L-Artiklu 175 tal-kodiċi ritwali jagħti lill-Qorti setgħat ferm wiesa' biex issewwi difetti fl-atti, sakemm dak li tagħmel jew tordna ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni **fuq il-mertu** tal-kawża. L-eċċezzjoni li qegħdin iqanqlu l-konvenut u l-kjamati fil-kawża ma tirrigwardax il-mertu tal-kawża.

Għaldaqstant tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors *de quo.*

Moqri waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

---

[2] Dr Enrico Zammit v Dr. A. Zammit 03.03.1903 Kollez. XVIII.ii.240 (Prim'Awla); 12.03.1903 Kollez. XVIII.ii.260 (Appell).
[3] Giovanni Mangion v Avukat Professur Giulio Cortis 26.04.1939 Prim'Awla.